**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04/2017

**It-Tlieta 28 ta' Marzu, 2017**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Mark Causon – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Evelyn Vella Brincat – Kunsillier

**ASSENTI**
Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Jesmar Scicluna - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ

Kien hemm preżenza tal-pubbliku.

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

4.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tiġi skużata minħabba li hija ndisposta. **(Dok. 1)**

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 03/2017.

4.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 03/K7/2017 kif ippreżentati.

4.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

4.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

4.3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 4.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

4.4.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li abbażi tal-policy tal-Kunsill, fil-jiem li għaddew il-Kunsill oġġezzjona għall-PA 00013/17, żvilupp propost f'Misraħ il-Paċi.

4.4.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għaż-żona ta' bejn Triq l-Imħallef William Harding u Triq Burma, fejn irrimarka li jkun għaqli li l-Kunsill jikkomunika mal-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali dwar x'qed jipproponi l-Kunsill bħala landscaping fil-madwar.

4.4.3 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għat-talba tal-permess li rċieva l-Kunsill għall-attivita' Color My Run, liema attivita' hija skedata għal nhar il-Ħadd 14 ta' Mejju 2017 u huwa previst li ser jipparteċipaw madwar 1,200 persuna.

4.4.4 Wara diskussjoni s-Sindku Dean Hili, ppropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba bil-kundizzjoni li :

- Ikun hemm l-approvazzjoni tal-Pulizija;
- Jipprovdu għas-spejjeż tagħhom numru ta' mobile toilets fejn ser tibda u tintemm l-attivita',
- Jipprovdu għas-spejjeż tagħhom assigurazzjoni favur terzi għal dak kollu li jista' jinqala' fit-triq inkluż ħsara fuq propjeta' privata;
- Li kif jitlaq l-aħħar grupp mit-tluq, l-organizzatur għandu jara li għas-spejjeż tiegħu jibda mmedjatament it-tindif fejn jinkinsu t-toroq minn fejn għaddew il-parteċipanti u jaraw li jinġabar kull materjal li jkun ixxerred;

- Jipprovdu għas-spejjeż tagħhom ambulanza u tim mediku għal dak li jista' jinqala'; u
- Jipprovdu għas-spejjeż tagħhom Pulizija u/jew Gwardjani Lokali u/jew persuni oħra awtorizzata biex jekk huwa l-każ jingħalaq l-aċċess tat-toroq minn fejn ser jgħaddu l-parteċipanti.

4.4.5 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

4.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.4.7 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-impjegata taħt l-iskema CIES2 Bianca Fiorini kienet talbet li tieqaf mill-impjieg. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Job Coach tagħha biex tiġi evalwata s-sitwazzjoni.

4.4.8 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

4.4.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.4.10 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-impjegata Alison Grixti waslet għall-increment annwali u għalhekk ippropona li dan għandu jingħata.

4.4.11 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

4.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.4.13 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li jirriżulta li l-backup batteries tal-access controls hemm bżonn li jinbidlu kif ukoll hemm bżonn ta' UPS's ġodda għall-kompjuters. Il-kelliem ippropona li dawn għandhom jinxtraw.

4.4.14 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

4.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

4.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 08/2017** - Rapport tal-Laqgħa dwar ir-Reġjun Tramuntana. **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 09/22017** - Laqgħa re One Way Triq Patri Indri Vella. **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 10/2017** - Rapport dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol. **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 11/2017** – Rapport dwar konsultazzjoni pubblika rigward l-għoli tal-bini f'Pembroke. **(Dok. 5)**
- **Internal Memo 12/2017** - Laqgħa ma' Ms. Dr. Fortunata Randisi - Water stations. **(Dok. 6)**
- **Internal Memo 13/2017** - Laqgħa ma' The Grid. **(Dok. 7)**
- **Internal Memo 14/2017** - Laqgħa mar-Residenti Sit A5 - A11. **(Dok. 8)**
- **Internal Memo 15/2017** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 03/K7/17 u 04/K7/17. **(Dok. 9)**

- **Internal Memo 16/2017** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 03/K7/17 u 04/K7/17. **(Dok. 10)**
- **Internal Memo 17/2017** - Lista ta' ilmenti li saru bejn laqgħa referenza 03/K7/17 u 04/K7/17 u li għadhom pendenti. **(Dok. 11)**

4.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 11/2017** dwar konsultazzjoni pubblika rigward l-għoli tal-bini f'Pembroke fejn irrimarka li mill-laqgħa ħareġ li l-problema prinċipali hija mhux dwar l-għoli per se iżda li tali żvilupp ser jikkostitwixxi abitazzjonijiet aktar żgħar b'għan kummerċjali u għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu jibqa' joġġezzjona meta jkun hemm żvilupp propost li minflok terraced house jitilgħu numru eċċessiv ta' units kif ukoll li l-Kunsill jitlob lill-PA li fit-tibdil tal-Pjanijiet Lokali dan jiġi mistħarreġ apparti li tintalab laqgħa mal-PA dwar kif il-Kunsill jista' jindirizza applikazzjonijiet simili. Ippropona wkoll li din il-laqgħa għandha tkun miftuħa għall-pubbliku nġenerali.

4.5.3 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

4.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 12/2017** dwar water stations madwar Pembroke fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni fil-prinċipju ta' din l-idea nnovattiva għall-pajjiż.

4.5.6 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

4.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.5.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 16/2017** dwar l-ilmenti li kien għad hemm pendenti, fejn talab il-kumment tal-membri tal-Kunsill dwar ilment li għad hemm pendenti. Il-kelliem ippropona li dwar ilment 09/2017 għandha tintbgħat ċirkolari nformattiva fid-djar tal-lokal dwar il-ħinijiet u l-ġranet tal-ġbir ta' skart inkluż li ma jistax jitħalla skart barra mill-iskips; dwar ilment 10/2017 fil-passat kien hemm oġġezzjoni u kellhom jitneħħew ir-road humps li kien hemm tul Triq il-Mediterran u għalhekk it-talba mhux qed tintlaqa'; dwar ilment 12/2017 l-istess kien hemm u minħabba lmenti kellhom jitneħħew u għalhekk it-talba mhux qed tintlaqa'; u dwar ilment 11/2017 il-Kunsill m'għandu ebda kontroll fuqha.

4.5.9 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

4.5.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.5.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 17/2017** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

4.5.12 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

4.5.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.6 Flyer informattiv.

4.6.1 B'referenza għat-talba li kienet għamlet il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn talbet li l-Kunsill joħroġ flyer informattiv li għandu jitqassam f'kull dar dwar BBQ's, ħmieġ tal-klieb, ħasil ta' karozzi fit-toroq, mużika għolja kif ukoll dwar il-ħinijiet tal-ħruġ u l-ġbir tal-iskart. (46/0534/17/I), is-Sindku Dean Hili

ppropona li ladarba l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skużata, etikament dan is-suġġett għandu jiġi diskuss darb'oħra meta tkun preżenti.

4.6.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

4.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.7 Street Light Programme Manager Licence Fee and Maintenance.

4.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li dwar l-operat tar-Reġjun Tramuntana vis-a-vis l-operat tal-programm tar-rapurtaġġ tal-ħsarat tal-lampi, il-Kunsill kiteb uffiċjalment lid-DGL biex jinvestiga jekk il-ħlasijiet mitluba humiex skond ir-regolamenti finanzjarja. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill stenna li r-risposta tal-Monitoring kellha tkun indirizzata lir-Reġjun biex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jinsisti mal-Monitoring Unit biex jidderiġi lir-Reġjun biex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu u jagħtu direzzjoni lill-Kunsilli dwar l-iffirmar tal-ftehim ta' koperazzjoni.

4.7.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

4.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.8 Proposta sistema ta' 'one way', immaniġjar ta' traffiku u CCTV fi Triq Patri Indri Vella.

4.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 09/2017** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jitlob il-permess ta' TM biex il-parti ta' Triq Patri Indri Vella bejn Triq il-Fortizza u Triq Mons. Luigi Farrugia issir One Way bid-direzzjoni lejn Triq l-Isqof Angelo Portelli, u l'issir talba lill-LESA biex tiġi nstallata CCTV ħalli jinqabad min ikun qed jipparkja mingħajr permess quddiem il-garaxxijiet tar-residenti konċernata.

4.8.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

4.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.9 Health & Safety Risk Assesment.

4.9.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza mingħand id-DGL (46/0755/16/I) fejn irrimarka li l-Kunsill kien qed ikun mistenni minnu li jkollu rapport dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol skond il-liġijiet tal-OHSA. Kien għalhekk li ntalbu kwotazzjonijiet mingħand diversi entitajiet awtorizzata li jagħmlu dawn ir-rapporti. Il-kelliem għamel referenza għal **Internal memo 10/2017** fejn ippropona li tintgħażel l-offerta ta' **MbF & Co** għall-prezz ta' **€150.00 eskluż il-VAT** abbażi li kienet l-aktar offerta vantaġġuża.

4.9.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

4.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.10 Applikazzjoni għal Triq ġdida.

4.10.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-laqgħa li saret mas-Sra. A. Vassallo mill-Awtorita' tad-Djar kif ukoll mas-Sur M. Cohen mis-Segretarjat tal-Onor. Ministru Joe Mizzi fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg dwar it-triq ġdida li hemm bżonn issir wara Sit A li tagħti minn Blokki 1 sa 4 sa wara Blokk 5 sa 11, fejn irrimarka, li l-Kunsill ġie nfurmat li ladarba l-art hija tal-Gvern u l-art għad m'hijiex skedata mill-PA, huwa l-Kunsill li jrid jagħmel it-talba lill-PA biex tidħol fl-iskema tal-iżvilupp (46/0759/17/I). Il-kelliem irrimarka li eventwalment sar komunikat mal-Perit tal-Kunsill dwar xi proċess li hemm bżonn isir, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li jkun hemm bżonn ta' PC application li tiswa €235.00 u eventwalment il-Kunsill jiġu mitlub iħallas għal survey ukoll, liema proċess t'applikazzjoni normalment jieħu madwar 8 xhur (46/0794/17/I).

4.10.2 Wara diskussjoni li saret is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill għandu jibqa' jagħmel insistenza mal-Ministru Joe Mizzi biex din l-applikazzjoni ssir minnaħa tagħhom bħala Gvern Ċentrali.

4.10.3 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

4.10.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.11 Road humps fi Triq il-Mediterran.

4.11.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza 46/0830/17/I fejn irrimarka li dwar dan is-suġġett diġa ttieħdet deċiżjoni aktar kmieni fil-laqgħa fejn l-ilment ma ġiex milqugħ peress li fil-passat kienu saru road humps fi Triq il-Mediterran u kellhom jitneħħew minħabba lmenti mir-residenti tal-madwar.

## 4.12 Proġett minn TCTC Robotica.

4.12.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill dwar l-inizjattiva li qed joffru TCTC bl-isem Robotica. L-ispiża għall-Kunsill hija dik ta' €1,150.00 li tkopri 60 parteċipant. Kull parteċipant ser ikun mitlub iħallas lill-kumpanija TCTC €50.00 li tkopri n-noti, l-prattika, eċċ. (46/0719/17/I). Il-kelliem ippopona li l-Kunsill lest li joffri s-sala tal-Kunsill għal dan il-kors basta l-Kunsill ma jkun mitlub ebda ħlas.

4.12.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

4.12.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.13 The Goalkeeper Battle 2017 Annual Event.

4.13.1 B'referenza għat-talba li kienet għamlet il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn talbet li jiġi diskuss dan is-suġġett, is-Sindku Dean Hili ppropona li ladarba l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skużata, etikament dan is-suġġett għandu jiġi diskuss darb'oħra meta tkun preżenti, dan fid-dawl li l-attivita' ndikata ser issir nhar l-10 ta' Ġunju 2017. Apparti minn dan il-kelliem fakkar li l-Kunsill huwa prekluż milli jagħmel donazzjonijiet kif hemm mitlub u marbut ma' dan is-suġġett.

4.13.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

4.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.14 Ħruġ u Estenzjoni ta' Tenders 01, 02, 03 u 04/2016.

4.14.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li **(1) Tender 01/2016** - Provision of Qualified Accountant Services, ser jiskadi fid-19 ta' Mejju 2017 u jista' jiġġedded għall-perjodu ta' sena oħra; **(2) Tender 02/2016** - Provision of Bulky Waste Collection Services in an Environmentally Friendly Manner, ser jiskadi fid-19 ta' Mejju 2017 u jista' jiġġedded għall-perjodu ta' sena oħra; **(3) Tender 03/2016** - Professional Services of an Architect & Civil Engineer, ser jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2017 u jista' jiġġedded għall-perjodu ta' sena oħra, u **(4) Tender 04/2016** - Professional Services of Junior Science Club Animators, ser jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2017 u jista' jiġġedded għall-perjodu ta' sena oħra. Il-kelliem ippropona li dawn it-tenders għandhom kollha jiġu mġedda. Il-kelliem għamel referenza ukoll għal **Tender 01/2013**, liema tender jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2017 fejn ippropona li dan għandu jinħareġ mill-ġdid u jkun għall-perjodu ta' 4 snin sħaħ kif ukoll li, l-Kunsill għandu jitlob l-assistenza (bi ħlas) tal-CM tal-kuntratt tad-dawl biex jipprepara l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal tender b'konnessjoni mad-dawl għal żmien il-Milied, ħalli eventwalment jinħareġ it-tender peress li dak preżenti ser jiskadi.

4.14.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

4.14.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

4.15.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 12 sa 15)**

4.15.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

4.15.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

4.15.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.16 Mozzjonijiet.

4.16.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 4.17 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

4.17.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45pm u ġiet aġġornata għal 25 ta' April 2017 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 25 ta' April, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Dok 1

**Pembroke Local Council at DLG**

| | |
|---|---|
| **From:** | Evelyn Vella Brincat <evelynvellabrincat@gmail.com> |
| **Sent:** | 28 March 2017 17:33 |
| **To:** | Pembroke Local Council at DLG |
| **Cc:** | Council Evelyn Vella Brincat |
| **Subject:** | LC Meeting today |

Dear Kevin,

Please note that I have just returned from SAMOC after receiving chemo therapy and having a shoulder complication investigated.

Unfortunately I am too tired and in pain to attend today's meeting so please excuse me.

Thank you & Regards

Evelyn

Kunsill Lokali
Pembroke
29 MAR 2017
46/1004/17/1

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 08/2017** **28 ta' Frar 2017**

# Laqgħa tar-Reġjun mal-Onor. Seg. Parl. Dr. Stefan Buontempo

Il-laqgħa saret nhar is-Sibt 25 ta' Frar 2016 fid-9:00am fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mosta. Kienu mistiedna jattendu s-Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun Tramuntana. Għall-Kunsill Lokali Pembroke kienu kkonfermaw li ser jattendu s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Viċi Sindku Raymond Lanzon, li sfortunatament baqa' ma tfaċċax għal-laqgħa mingħajr ebda avviż. Fil-fatt waqt il-laqgħa kelli nitlob permess biex nagħmel l-intervent għan-nom tal-Kunsill minħabba l-fatt li suppost l-interventi kellhom isiru BISS mill-politiċi. Fost il-punti li qajjimt kien hemm:

- B'dieqa rrimarkajt li r-Reġjun m'għandu ebda identita' u jidher li m'hemm ebda nteress biex ikollu identita' tant li l-interventi li saru kienu kollha, jew kważi kollha jirrigwardjaw l-interessi partikulari tal-Kunsilli konċernata,
- B'referenza għall-kummenti ta' l-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Stefan Buontempo, filwaqt li r-Reġjun għandu l-coach fil-vesti tal-President tar-Reġjun u l-players fil-vesti tal-membri eletti f'kull Kunsill, sfortunatament m'hemm ebda direzzjoni jew għan aħħari,
- B'referenza għall-kummenti li saru fosthom dwar il-Victoria Lines, deher biċ-ċar li ħadd ma jaf li dawn imissu wkoll il-konfini ta' Pembroke u għalhekk huwa stat ta' fatt li l-Kunsill Lokali Pembroke iħoss li lanqas jiġi kkalkulat peress li jinsab fil-periferija,
- Li l-Kunsill Lokali Pembroke minn dejjem prefera li jkun jagħmel mar-Reġjun fejn hemm San Ġiljan u Tas-Sliema għax jagħmel aktar sens, fid-dawl li l-maġġoranza tal-Kunsill fit-Tramuntana ixeqilbu aktar lejn żoni rurali,
- Saret kritika lill-President tar-Reġjun li fid-diskors t'introduzzjoni għamel referenza għal żewġ Kulleġġi Edukattiva (suppost tlieta) li jkopri r-Reġjun mingħajr ebda referenza għall-Kulleġġ Santa Klara, fejn irrimarkajt li dan huwa ovja għax l-iskejjel konċernata jinsabu f'Pembroke u għalhekk jikkonferma kemm il-lokal ta' Pembroke mhux qed ikun ikkunsidrat u kkalkulat mir-Reġjun Tramuntana,
- Ir-Reġjun Tramuntana ma qed jagħmel xejn biex joħloq spirtu reġjonali, fejn il-Kunsilli li jagħmlu parti minnu lanqas biss sempliċiment bandiera tar-Reġjun ma jesponu barra l-uffiċċju tagħhom. Jirriżulta li m'hemm ebda orgolju għalkemm hemm ħafna potenzjal.

Il-laqgħa ntemmet fis-13:30.

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 09/2017** **2 ta' Marzu 2017**

## Konsultazzjoni mar-residenti dwar One Way

Kif deċiż mill-Kunsill, saret laqgħa ta' konsultazzjoni ma' dawk ir-residenti li joqgħodu fi Triq Patri Indri Vella, jew għandhom garaxxijiet fl-istess triq inkluż sidien tal-ħwienet fil-parti li hemm bejn Triq il-Fortizza u Triq Mons Luigi Farrugia.

Il-laqgħa saret nhar l-Erbgħa l-1 ta' Marzu fil-5:30pm fis-Sala tal-Kunsill Lokali Pembroke fejn għall-Kunsill attendew is-Sindku Dean Hili, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg. Il-Kunsillier Mark Causon kien skużat minħabba li kien imsiefer filwaqt li l-Kunsillier Charles Cesare kien xogħol. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet assenti.

Għal-laqgħa attenda biss resident wieħed u l-Kunsill irċieva żewġ emails li jappoġjaw il-proposta tal-One Way. **(Ara Dok 1 u 2)**

Ġew diskussa diversi problemi li hemm fit-triq ikkawżata speċjalment minn persuni li jagħmlu użu mis-servizzi tal-ħwienet li ftit li xejn jidher li jimpurthom li jostakolaw u jkunu t'inkonvenjent għar-residenti li joqgħodu fil-parti tat-triq imsemmija.

Saret proposta biex forsi tiġi modifikata c-centre strip ħalli jkun hemm aktar post fejn jipparkjaw vetturi kif ukoll possibilita' li jiġu avviċinata s-sidien tal-ħwienet fejn jiġu mitluba biex ma jipparkjawx biswit il-ħwienet tagħhom ħalli jkun hemm aktar post għall-klijenti tagħhom stess, u forsi b'hekk jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti tal-madwar.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:25pm.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Dok 1

**Pembroke Local Council at DLG** Reply attached

**From:** Jonathan Desira <jonathan@jonathandesira.net>
**Sent:** 21 February 2017 09:48
**To:** Pembroke Local Council at DLG
**Subject:** Proposta ta one Way gdida fi Triq Patri Indri Vella - 13/K7/2016 - 13.03.02

Dear Sirs,

I apologise but I will not be able to attend the residents' meeting to be held on 01/03/17. In view of this I am writing this email to show **my agreement** with this proposal.

In my opinion, it makes more send to have this section of Triq Patri Indri Vella as a one way road due to the width of the road and parking on both sides of the road. Over the past few months I have personally witnessed more than one occasion of near collisions between cars coming at considerable speed from the direction of Triq Isqof Angelo Portelli to Triq il-Fortizza and others turning from Triq il Fortizza into Triq Patri Indri Vella. In my opinion, if this was a one way road direction Triq il-Fortizza to Triq Isqof Angelo Portelli, such a risk would be reduced.

I thank you for your work.

Regards,

--
Jonathan Desira
Certified Public Accountant
112, Triq Patri Indri Vella, Pembroke
Email: jonathan@jonathandesira.net

---

CONFIDENTIALITY NOTICE: Please treat this communication as highly confidential. If you are not the intended recipient, please notify the sender immediately using the contact numbers or e-mail indicated above, and immediately destroy this e-mail. Any unauthorised copying, disclosure or distribution of the material in this e-mail is strictly forbidden.

---

Kunsill Lokali
Pembroke
21 FEB 2017
46/0603/17/I

Dok 2 Aok

**Pembroke Local Council at DLG**

**From:** Bernardette Fenech Close <info@pms.com.mt>
**Sent:** 28 February 2017 16:05
**To:** Pembroke Local Council at DLG
**Subject:** Rif. Taghna 46/0550/17/0/121

Many thanks for your invitation to participate in the discussion for the proposal of having Patri Indri VELLA as a one way street.
Unfortunately I cannot attend tomorrow's meeting.
I am one of the residents who believe that this street should be changed to a one way. I live exactly in front of the supermarket and it is a great inconvenience for me to enter my house because of the cars that pass from both sides of the road with parked cars on both sides.

Thanking you in advance for taking up my complaint, and hoping to finally have this street as a one way.

Kindest regards,
Bernardette FENECH Close

Kunsill Lokali
Pembroke
28 FEB 2017
46/0686/17/1

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 10/2017** **14 ta' Marzu 2017**

## Rapport dwar is-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol

B'referenza għall-email tad-DGL (46/0755/17/I), inġabru stimi mingħand kumpaniji approvata mill-OHSA biex ikun jista' jsir rapport dwar is-suġġett t'hawn fuq.

| Isem il-kumpanija | Referenza | € |
|---|---|---|
| **ame**<br>Health & Safety Services Ltd.<br>Innovation Centre, Apartment 2<br>Triq it-Torri<br>Swatar, Birkirkara, BKR 4012 | 46/0791/17/I | 250.00 esklużil-Vat |
| **MbF & Co /Inline**<br>Management of Health & Safety | 46/0792/17/I | 150.00 esklużil-Vat |
| **JP Health & Safety Consultants**<br>Beehive<br>Triq Ta' Xmiexi<br>Msida, MSD 1802 | 46/0798/17/I | 250.00 esklużil-Vat |
| **Institute of Health & Safety**<br>99<br>Mill Street<br>Qormi, QRM 3100. | 46/0868/17/I | 400.00 esklużil-Vat |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 5

**Internal Memo Referenza 11/2017** **22 ta' Marzu 2017**

# Konsultazzjoni pubblika dwar l-għoli tal-bini f'Pembroke

B'referenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill saret laqgħa pubblika bħala konsultazzjoni dwar l-għoli tal-bini fil-lokal wara li kien hemm applikazzjoni biex fiż-żona tad-djar issir binja għolja 6 sulari.

Il-laqgħa saret nhar it-Tlieta 21 ta' Marzu 2017 fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fejn kienu preżenti s-Sindku Dean Hili, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Perit tal-Kunsill Joseph Saliba. Kien hemm preżenti wkoll numru ta' residenti. **(Ara Dok. 1, 2 u 3)**

Il-Kunsillier Mark Causon kien skużat minħabba li kien imsiefer, il-Kunsillier Charles Cesare kien skużat minħabba li kien xogħol filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet assenti.

Is-Sindku Dean Hili għamel introduzzjoni fejn irrimarka li l-laqgħa kienet qed issir dwar policy li saret mill-Gvern Ċentrali kemm preżenti kif ukoll dak ta' qablu u għalhekk l-għan tal-Kunsill huwa li jisma l-kummenti tar-residenti. Il-kelliem irrimarka li kien hemm min jaqbel u min jaqbel inqas mal-policy tal-għoli tal-bini, liema policy tagħat konċessjoni li jiżdied sular fuq l-għoli ta' kull propjeta'. Il-kelliem irrimarka li kien hemm lakuna dwar kemm eventwalment huwa għoli sular u l-aħħar policy irregolat il-kunċett li tali għoli ġie konvertit f'metraġġ. Il-kelliem talab lil dawk preżenti biex jagħmlu l-kummenti tagħhom u talab li jkunu soġġettivi kemm jista' jkun.

**David Spiteri** – Xtaq ikun jaf għaliex Pembroke m'għandux jibqa' kif kien fil-bidu tiegħu jiġifieri bi djar semi detached mal-baħar u terraced houses il-kumplament, dan biex ma jispiċċax ġungla ta' bini bħal lokalitajiet oħra.

**Ian Restall** – Xtaq ikun jaf għala Triq il-Mediterran mhux bħal toroq oħra fir-rigward tal-għolijiet. Jekk jgħola kullimkien għal Triq il-Mediterran le, apparti li jekk ser jgħola l-bini f'toroq oħra ser tinħoloq problema ta' dellijiet, speċjalment għal dawk l-investew f'pannelli solari u sistemi oħra simili.

**Juanita Busuttil** – Irrimarkat li diġa hemm min għola sular u għalhekk għandu jkun hemm permess għal kulħadd.

**Ramon Gauci** – Jekk jgħola l-bini fil-lokal, x'ser ikun dak li jagħmel il-lokal speċjali aktar minn postijiet ohra biex ikun hemm każ bħala lokal differenti. Irrimarka li dan għandju jkun il-punt prinċipali bħala bażi vis-a-vis il-policy li hemm preżentament.

**Ray Farrugia** – Irrimarka li jekk mhux ser ikun hemm unjoni bejn ir-residenti, ser ikun hemm ġungla u mhux ser jibqa' Pembroke li huwa llum, appella li jkun hemm kunsensus.

**Lucienne Zammit** – Irrimarkat li huwa mportanti li tinżamm l-identita' biex ma jkunx hemm estenzjoni ta' Paceville.

**Nicholas Xerri** – Irrimarka li l-Kunsill m'għandux iħares biss lejn l-estetika, iżda żviluppi simili ser ikollhom impatt fuq l-infrastruttura, il-parkeġġ, traffiku, eċċ. Irrimarka li huwa mportanti li jiġi protett l-ispazju miftuħ li għad hawn fil-lokal.

**Daniel Borg** – Xtaq ikun jaf jekk faċċata ta' Triq Henin u Triq il-Mediterran jistax jinbena.

**David Said** - Xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħmel xi tip ta' votazzjoni mar-residenti dwar is-suġġett ħalli jkun hemm aktar konkorrenza.

**Charles Bonello** – Irrimarka li qabel tittieħed pożizzjoni hemm bżonn li l-Kunsill jara l-polz ta' kulħadd. Il-kwalita' ta' ħajja fil-lokal hija unika u hemm bżonn li tinżamm.

**Antonie Galea** – Fi Triq Mikiel Anġ Grima diġa hemm preċedent minħabba żvilupp li sar ta' 4 sulari u penthouse. Xtaq ikun jaf kontra x'hiex qiegħed il-Kunsill u għala huwa m'għandux ukoll ikollu l-istess possibilita' ta' żvilupp.

**Aldo Minuti** – Xtaq ikun jaf għala għandu jċaħħad lit-tfal milli jibnilhom fuq id-dar tiegħu.

**Reuben Borg** – Diġa hawn commitment li sar żvilupp fil-lokal. Li tixpruna din id-diskussjoni kien żvilupp propost ta' sitt sulari u għalhekk huwa żmien li żviluppi simili jitwaqfu qabel ikun tard wisq. Irrimarka li jekk dan l-iżvilupp jiġi approvat dan ser iwaqqa' l-valur tal-propjeta' minħabba li ser jinbidel il-karattru tal-lokal. Pembroke m'għandux village core u għalhekk iridu jinsabu karatteristiċi partikulari vis-a-vis il-fdalijiet militari li hawn fil-lokal.

**Mario Axisa** – Irrimarka li l-policies oriġinali kienu jinkludu l-kunċett tal-area mibnija vs l-area tal-post. Irrimarka wkoll li ħadd ma qed joġġezzjona għal bini ta' 4 sulari iżda għal 5 sulari, u għalhekk it-talba lill-PA għandha tkun li titreġġa l-policy ta' 17.5 għoli u jmur lura ghal 2006.

**Godwin Said** – L-applikazzjoni kif preżentata tagħti lok għall-business b'detriment għal tal-madwar bl-iskuża li jkunu għal tal-familja u jispiċċaw bħala business.

**David Sammut** – Irrimarka li jaf ikun hemm kuntrattur li jixtri aktar minn dar waħda u jispiċċa jibni blokka bini.

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 6

**Internal Memo Referenza 12/2017** **24 ta' Marzu 2017**

# Laqgħa ma' Ms. Dr Fortunata Randisi - Water idea

Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis 23 ta' Marzu 2017 fis-2:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fejn kienu preżenti s-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Ħadd mill-Kunsilliera ma kien preżenti.

Dr. Fortunata Randisi spjegat l-idea tagħha li tinstalla numru ta' magni fil-lokal li joffru l-faċilita' li tixtri l-ilma minnhom, bid-differenza li min ser jixtri irid jipprovdi l-flixkun jew reċipjent.

Infurmat lill-Kunsill li m'huwa ser ikun hemm ebda ħlas għall-Kunsill kif ukoll li ser titkellem kemm mal-Awtorita' tal-Artijiet kif ukoll il-PA dwar x'permessi hemm bżonn.

Il-Kunsill ġie nfurmat li f'dan l-istadju huwa mistenni minnu li jekk jaqbel mal-idea, tinħareġ ittra ta' notifika bħala appoġġ għall-proġett propost inkluż li jiġu identifikata żoni madwar il-lokal fejn l-aħjar li jiġu nstallata.

M'hemm ebda ħsieb li jkun hemm reklami ma' dawn l-istrutturi, għajr li jista' jkun hemm info panel diġitali magħhom b'informazzjoni dwar il-lokal, dejjem jekk il-Kunsill ikun irid.

Il-laqgħa ntemmet fis-14:30pm.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 7

**Internal Memo Referenza 13/2017** **24 ta' Marzu 2017**

# Laqgħa ma' The Grid

Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis 23 ta' Marzu 2017 fis-2:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fejn kienu preżenti s-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Ħadd mill-Kunsilliera ma kien preżenti.

Għal The Grid kien preżenti s-sur Omar Said fejn wara l-irringrazzja lill-Kunsill għall-koperazzjoni li kien hemm fl-ewwel edizzjoni tas-sena li għaddiet, informa lill-Kunsill li din is-sena l-attivita' ser issir nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju 2017, fejn s'issa diġa hemm madwar 70 applikant.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li hemm possibilita' li jintużaw anqas toroq residenzjali, iżda ser jiżdiedu l-ammont ta' ostakoli tul il-korsa.

Il-laqgħa ntemmet fit-15:00pm.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Dok 8

**Internal Memo Referenza 14/2017** **24 ta' Marzu 2017**

# Laqgħa mar-Residenti Sit A5 - A11

Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis 23 ta' Marzu 2017 fl-4:30pm, fiż-żona pedonali ta' quddiem Sit A Blokki 5 – 11, Triq Pietru D'Armenia. Għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Ħadd mill-Kunsilliera ma kien preżenti.

Ir-residenti lmentaw li x-xogħol li qed isir fejn jirrigwardja t-tikħil tal-faċċata m'huwiex kif xtaqu u/jew stennew huma kif ukoll li mhux il-garaxxijiet kollha ser jiġu rranġata peress li kien hemm min m'applikax mal-Awtorita' tad-Djar u għalhekk ma kienx inkluż fit-tender maħruġa mill-istess Awtorita'.

Xtaqu jkunu jafu wkoll jekk iż-żona pedonali hijiex ser tinqala' kollha jew le.

Is-Sindku Dean Hili għan-nom tal-Kunsill infurmhom, li x-xogħol qed isir mill-Awtorita' tad-Djar u l-kuntrattur huwa mqabbad mill-istess Awtorita' u mhux mill-Kunsill u għalhekk irrakkomanda li l-Amministraturi għandhom jiġbru l-ilmenti kollha tal-inkwilini, jifformulaw ittra waħda u tintbagħat lill-Awtorita' b'kopja tintbagħat lill-Kunsill ħalli tkun tista' ssir il-pressjoni mill-Kunsill ukoll.

Dwar il-landscaping, is-Sindku Dean Hili nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien qed jinsisti mal-Awtorita' tad-Djar li kemm jista' u fejn jista' għandu jinqala' l-landscaping ħalli jkun jista' jsir xogħol aħjar.

Il-laqgħa ntemmet fil-17:00pm.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 9

**Internal Memo Referenza 15/2017** **28 ta' Marzu 2017**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 03/K7/17 u 04/K7/17

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 21/02/2017 | Laqgħa tal-Kunsill numru 02/K7/2017 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Mark Causon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 01/03/2017 | Laqgha mar-residenti ta' Triq Patri Indri Vella dwar il-poropsta ta' one way | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Kevin Borg |
| 02/03/2017 | Laqgha ma' l-Awtorita tad-Djar u mas-sur Michael Cohen rigward Triq gdida f'Pembroke | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 04/03/2017 | Invit minghand l-AKL ghas-Sindki, Vici Sindki u Kunsilliera ghall-Laqgħa Plenarja | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat |
| 08/03/2017 | Laqgha mal-LESA dwar l-infurzar fil-passaġġi fuq is-Sit Natura 2000 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 10/03/2017 | Laqgha dwar it-Traffic Management Policies and Guidelines | Project House | Dean Hili |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 13/03/2017 | Stedina ghall-konferenza stampa dwar it-23-il edizzjoni tal-Pembroke-Swieqi Road Races | Eurosport, B'Kara | Dean Hili |
| 14/03/2017 | Laqgha mas-sur Charles Camilleri mill-PARKS dwar is-sigar li nzeraw fejn l-Gnien ta' l-MTA | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Mark Causon<br>Kevin Borg |
| 17/03/2017 | Laqgha ma' l-Istreet Naming Committee dwar | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 18/03/2017 | Science Safari | Science Centre | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 21/03/2017 | Laqgha mar-residenti ta' Pembroke dwar l-gholi tal-Bini | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Kevin Borg |
| 23/03/2017 | Laqgha ma' Dr. Fortunata Randisi dwar ilma ghall-pubbliku | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 23/03/2017 | Laqgha ma' The Grid | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 23/03/2017 | Laqgha ma' xi residenti dwar ix-xogholijiet li qed isiru Triq Pietru D'Armenia | Triq Pietru D'Armenia | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 24/03/2017 | Laqgha bejn Regjuni Tramuntana dwar is-sistema ta' SLRM | Regjun Tramuntana | Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
Tel: (356) 2137 2111 Fax: (356) 2137 2555
Web: www.pembroke.gov.mt
e.mail: pembroke.lc@gov.mt

Dok 10

**Internal Memo Referenza 16/2017** **28 ta' Marzu 2017**

# Lista ta' ilmenti li għadhom pendenti bejn il-Laqgħa 03/K7/17 u 04/K7/17

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 9 | 28/02/2017 | Vince Sammut | Qed jilmenta mal-Kunsill dwar l-avviz li rcieva minghand il-pulizija dwar il-garbage bag li rema hdejn l-iskip ta' Triq il-Mediterran. Informa lill-Kunsill li hareg il-borza s-sewda 24/01/2017 (nhar ta' Tlieta) u li l-iskip kienet mimlija u ghalhekk tefaha barra l-iskip. Huwa nforma lill-Kunsill li qed jaghmel dan l-ilment fuq suggeriment tal-Kunsillier Mark Causon |
| 10 | 13/03/2017 | Andreas Tolga Erkerman | Talab sabiex issir sleeping police fi Triq il-Mediterran minhabba is-sewqan eccessiv li qed ikun hemm, Informa lill-Kunsill li jaccetta li ssir quddiem ir-residenza tieghu |
| 11 | 15/03/2017 | Helen Cilia La Corte | Ilmentat mal-Kunsill li xi skejjel qed jaghmlu hafna storbju meta jkollom xi attivita u talbet biex il-Kunsill jibghatilom cirkulari |
| 12 | 20/03/2017 | Guiliana Micallef Cann | Talbet sabiex issir road hump jew xi haga simili fi Triq Burma faccata minn ta' Triq Don Luigi Rigord |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 11

**Internal Memo Referenza 17/2017** **28 ta' Marzu 2017**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 03/K7/17 u 04/K7/17

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 39 | 2017 | Pembroke Self Service | Ordni ta' snacks u ilma ghall-laqgha tal-Kunsill |
| 42 | 2017 | Maxims | Ordni ta' pastizzi u pizza ghall-party tal-karnival |
| 43 | 2017 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jiġbor pole bi tabella ta' STOP mill-Kunsill u terġa' titwaħħal fejn il-kamra tad-dawl faċċata ta' Triq Dun A. Sisner u tiġi rranġata tabella tal-humps aħna u sejrin lejn il-ground tal-Melita |
| 45 | 2017 | Smart Office Supplies | Ordni ta' stationary |
| 46 | 2017 | Maltapost | Tlabna sabiex jitqassam poster bieb bieb (Laqgha Height limits) |
| 47 | 2017 | Maltapost | Tlabna sabiex jitqassam poster bieb bieb (Attivita Hamis ix-Xirka) |
| 48 | 2017 | J&K Contractors | Tlabna sabiex issir rampa fil-bankina bejn il-klabb tal-Judo u l-iskola St. Michael sabiex tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita'. |
| 54 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex isewwi bozza fi Triq Juno li tkisret bil-maltemp (Job Number 1) |
| 55 | 2017 | General Ecological Services | Tlabna sabiex jigi jiftah id-drenagg tal-Kunsill |
| 56 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex issir shade ma Bozza numru W121 fi Triq Antoine de Favray (Job Number 2) |
| 58 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex jibdel bozza bin-numru W034 fi Triq il-Mediterran (Job Number 3) |
| 62 | 2017 | Koptasin | Tlabna sabiex isiru d-double yellow lines Triq Burma |
| 63 | 2017 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jirranġa il-coping tal-ħitan li hemm Triq Pietro Rossell |
| 64 | 2017 | Mica Med | Tlabna sabiex tissewwa l-problema li hemm fi Gnien Clifford Micallef rigward is-salvavita |
| 65 | 2017 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex issir mera Triq Giorgio Mitrovich, Martin Luther King u ohra Triq Cassino |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg